MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
MICHAEL MALLIA**

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2003

Avviz Numru. 355/2003

**Korporazzjoni ghas-servizzi ta' l-Ilma
f'isimha proprju u ghan-nom ta' l-Enemalta**

**vs**

**Ronald Mifsud**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tal-korporazzjoni attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' elfejn, erba' mija u tlitt liri Maltin u sebgha u erbghin centezmu (Lm2,403.47) dovuti mill-konvenut lill-korporazzjoni attrici kwantu ghas-somma ta' Lm483.86 ghall-konsum ta' l-ilma u kera ta' meter ta' l-ilma u kwantu ghas-somma ta' Lm1919.61 ghall-konsum ta' l-eletriku u kera ta' meter ta' l-eletriku fil-fond St Georges Flat 1, Triq San Gorg, Santa Venera, matul il-perjodu 11 ta' Novembru, 1997 sas-7 ta' Frar, 2001, skond il-kont numru 1000005549 u d-dokument anness (WSC 1);

Bl-ispejjez, inkluzi Lm11.50 ta’ l-ittra ufficjali tal-14 ta’ Jannar, 2003, u bl-imghax kummercjali, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-mistoqsijiet tal-korporazzjoni attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fl-14 ta’ Ottubru, 2003, meta gewipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa’ t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------